KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2918

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 199 tal-24 ta' Jannar 2024 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

___________________________
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

## INVESTIGAZZJONIJIET PENDENTI QUDDIEM IL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA

**32. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-ISPEAKER: Jista' l-Ispeaker** jgħid kemm-il talba għall-investigazzjoni għandu pendenti quddiemu l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika? Jista' jgħid, mingħajr ma jindika l-isem u d-dettalji tal-persuni involuti, dwar xiex inhi kull waħda mill-investigazzjonijiet? Jista' jindika għal kull waħda mill-investigazzjonijiet jekk hix qiegħda ssir b'inizjattiva tal-Kummissarju nnifsu, jew inkella wara li l-istess Kummissarju rċieva allegazzjoni bil-miktub?

22.01.2024

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** B'referenza għall-mistoqsija tal-Onor. Interpellant, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika informani illi sat-23 ta' Jannar 2024, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kellu 25 ilment jew talba għal investigazzjoni pendenti.

Kien hemm **27 ilment** pendenti fit-8 ta' Marzu 2023, meta l-Kummissarju preżenti assuma l-kariga tiegħu. Minn dakinhar sal-lum daħlu **27 ilment** ġdid. Minn dawn kollha s'issa ġew riżolti **29 ilment**.

Mill-25 ilment li huma pendenti quddiem il-Kummissarju, **12** huma taħt investigazzjoni u **13** huma fl-istadju ta' konsiderazzjoni preliminari, jiġifieri l-Kummissarju għadu qed jikkunsidra jekk jimmeritawx investigazzjoni ulterjuri jew le.

Barra minn hekk, il-Kummissarju għandu **investigazzjoni waħda** għaddejja li nbdiet **fuq l-inizjattiva tiegħu** u għaldaqstant ma tikkorrispondi ma' ebda lment.

B'mod ġenerali, l-ilmenti pendenti jallegaw dan li ġej:

- għemil ta' stqarrijiet pubbliċi jew risposti għal domandi parlamentari li ma jikkorrispondux mal-verità;
- imġiba ħażina marbuta ma' dikjarazzjonijiet tal-assi;
- imġiba ħażina marbuta ma' obbligi oħra ta' deputati parlamentari;
- abbuż minn riżorsi jew beni pubbliċi;
- abbuż mill-kariga jew abbuż ta' poter;
- nepotiżmu;
- konflitt ta' interess u xogħol privat mhux permess; u
- stqarrijiet pubbliċi mhux xierqa.

Ma jistgħux jingħataw aktar dettalji dwar investigazzjonijiet pendenti minħabba l-artikoli 18(1) u 21(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Seduta 199
24.01.2024